**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Ġunju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 156/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B f'isimha proprio u**
**bħala kuratriċi *ad litem* ta' binha minuri C D B**

**vs**

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni, minn liema relazzjoni twieled il-minuri C D B nhar it-tlettax ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (13.11.2008).*

2. *Illi l-kura u kustodja tal-imsemmi minuri hija attwalment irregolata permezz*

[1] Fol. 1.

*ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia datat ħdax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (11.01.2012), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. SB 1'.*

3. *Illi fis-sezzjoni 'B' tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet kienu pattwew li "(i)l-kura, kustodja hija konġunta u r-residenza ordinarja tat-tifiel...hija flimkien ma' l-omm" b'aċċess tal-missier għall-minuri matul is-sena kollha "...nhar ta' Ġimgħa mill-iskola fil-hinijiet u l-granet skolastici u fil-kaz li m'ghandux skola, nhar ta' Gimgha mis-2.00pm sat-Tnejn fit-8.30am, fejn jwaslu l-iskola, izda meta il-minuri ma jkollux skola jinghata lura lil-omm fis-7.00pm".*

*L-esponenti tixtieq li l-imsemmi kuntratt jigi varjat minn din l-Onorabbli billi jiġi ddkjarat li l-kura u l-kustodja tal-minuri C D B għandha tiġi fdata esklussivament lilha, bi dritt ta' aċċess tal-konvenut, liema aċċess għandu jiġi varjat fl-aħjar interessi tal-minuri, inkluż billi jiġu varjati l-modalitajiet relattivi, u dan in vista tar-raġunijiet esposti f'dan ir-Rikors Ġuramentat.*

4. *Illi l-esponenti u l-konvenut kellhom u għad għandhom relazzjoni problematika afna, senjatament għar-rigward ta' kwitjonijiet relattivi għal binhom u dank if jirriżulta mid-diversi rapporti li l-esponenti għamlet mal-Pulizija Eżekuttiva, kopji ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. SB 2' – 'Dok. SB 7', kifukoll mid-diversi rapporti li saru lill-Aġenzija Appoġġ, u dan kif jirriżulta mid-dokumentazzjoni relattiva hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok SB 8'. Min-naħa tiegħu, l-konvenut għamel numru ta' rapporti lill-Aġenzija Appoġġ fil-konfront tal-esponenti sempliċiment bl-intenzjoni li jivvessa u jintimida lill-esponenti, u dank if ikkonfermat mill-fatt li qatt ma ttieħdet xi forma ta' azzjoni fil-konfront tal-istess esponenti, u dank if se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

5. *Illi, b'żieda mas-suespost, jiġi rrilevat li l-problemi fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet komplew jikbru minn mindu l-esponenti daħlet f'relazzjoni serja u stabbli mas-sieħeb attwali tagħha, F G (KI 309800L), u dan sforz il-pika u l-għira esaġerata tal-konvenut fil-konfront tiegħu. L-imġieba tal-konvenut wasslet ukoll għal numru ta' argumenti li, saħansitra, kien involute fihom missier l-konvenut, John D, li għadu jindaħal u jintrometti ruħu bla qies fil-kwistjonijiet li fihom hu involute ibnu l-konvenut, u dan bl-intenzjoni li*

*jeżerċita influwenza fuq is-sitwazzjoni, kif ukoll direttament fuq l-esponenti.*

*Tali argumenti, saħansitra, ġieli seħħew fil-preżenza tal-minuri u wasslu ukoll għal numru ta' rapporti lill-Pulizija Eżekuttiva, kif ukoll għall-intavolar ta' proċeduri ġudizzjarji, u dank if ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

6. *Illi, f'dan il-qafas, jiġi rrilevat ukoll li l-imġieba tal-konvenut qed issarraf fi ħsara diretta għall-iżvilupp tal-minuri, u dan in vista tal-komportament tal-istess konvenut fil-preżenza ta' ibnu, kif ukoll in vista tal-kumpanija adulta li qed jiġi espost għaliha l-istess minuri b'mod regolari waqt il-hinijiet tal-aċċess eżerċitat mill-konvenut ai termini tal-kuntratt ta' kura u kustodja viġenti.*

*F'dan ir-rigward, issir referenza għall-fatt li l-minuri ġieli ġie rritornat lill-esponent b'xi feriti jew, saħansitra, b'ħarqiet ta' sogaretti fuq ġismu. L-istess minuri qiegħed juża wkoll ċertu lingwaġġ sinonimu ma' dak utilizzat mill-aduti, fosthom ripetizzjoni ta' lingwaġġ vulgari jew li jikkontjeni referenzi sesswali, kif ukoll l-użu ta' ċertu ġesti li ċertament m'humiex in-norma għal tfal tal-eta' tiegħu.*

*Jingħad ukol li l-esponenti għandha informazzjoni, kif ukoll provi fil-pussess tagħha, li jikkorraboraw il-fatt li, ta' sikwiet, il-minuri qed jiġi espost għall-kumpanija esklussiva ta' adulti, f'ambjenti bħal ħwienet tax-xorb, riċevimenti u każini, kif ukoll fi preparazzjonijiet għaż-żfin u għall-armar tal-karrijiet tal-Karnival, liema ambjenti ċertament 'humiex ioneji jew adattati għal tfal ta' seba' (7) snin.*

*B'żieda ma' dan, waqt il-kors tal-kawża odjerna, l-esponenti se tissottommetti provi li juru lill-minuri jieħu sehem f'attivitajiet li jistgħu ikunu ta' perikolu dirett għalih, liema attivitajiet jistgħu jaffettwaw ukoll il-perċezzjoni tiegħu dwar x'inhi n-norma għat-tfal tal-eta' tiegħu, bħal ritratti fejn jidher l-istess minuri isuq dgħajjes u muturi, kif ukoll il-minuri riekeb fuq wara ta' vann bla sedil jew ċinturin tas-sigurta'.*

7. *Illi, b'żieda mas-suespost, jiġi rilevat li, minkejja d-diversi tentattivi tal-esponenti sabiex tikkomunika mal-konvenut u sabiex tħeġġu sabiex*

*jikkooperaw fl-aħjar interessi ta' binhom il-minuri, ċertu deċiżjonijiet importanti relattivi għall-iżvilupp tal-aspirazzjonijiet tal-minuri m'humiex qed jittiehdu mill-ġenituri flimkien, fosthom deċiżjonijiet relattivi għall-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll dawk relattivi għal attivitajiet oħra, bħal dawk extra-kurrikulari, jew l-attendenza tiegħu għall-iSkola Sajf fl-aħjar interessi tal-minuri. L-esponenti hija preżentamet kostretta li tieħu dawn id-deċiżjonijiet waħedha fejn, fil-prattika, l-istituzzjonijiet relattivi, għal xi raġuni jew oħra, ma jirrikjedux il-kunsens espress tal-missier, u dan mingħajr ebda forma ta' rimbors tal-ispejjeż reattivi mingħand il-konvenut.*

*B'żieda ma' dan, jiġi rilevat li, kemm-il darba, il-konvenut ma wettaqx l-obbligu tiegħu li jassigura l-attendenza tal-minuri għal dawn l-attivitajiet edukattivi jew extra-kurrikulari ai termini tal-kuntratt viġenti u, saħansitra, qiegħed jieħu ċċertu deċiżjonijiet għall-iżvilupp tal-aspirazzjonijiet tal-istess minuri mingħajr il-kunsens tal-esponenti u mingħajr ma tiġi avżata, u dan kif se jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

8. *Illi, b'żieda mas-suespost, jiġi rrilevat ukoll li l-konvenut, effettivament, qiegħedjostakola u jċaħħad lill-ibnu minuri milli jattendi għal ċertu avventimenti familjari, fosthom billi jirrifjuta li jonora l-obbligi tieghu a tenur tal-klawsola 'B: e)' tal-kuntratt viġenti, ossia li jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-minuri jattendi għal 'okkażjonijiet speċjali' ma' ommu waqt il-ħin tal-aċċess tiegħu, fosthom ir-rifjut tiegħu sabiex il-minuri jattendi għall-birthday party ta' oħtu, Latisia, li hija tamparu fl-eta'. B'żieda ma' dan, issir referenza għar-rifjut tiegħu sabiex ibnu jattendi tiġijiet tal-familja, kif ukoll ir-rifjut tiegħu sabiex l-istess minuri jattendi għall-ikla yal-preċett tiegħu stess, li tant xtaqet torganizza l-esponenti f'ġurnata fil-weekend sabiex ikunu jistgħu jattendu l-membri tal-familja tal-minuri, u dan kuntrarju għall-obbligu tal-konvenut li jikkoopera mal-esponenti "bi spirtu li jimmerita tali okkażjonijiet" a tenur tal-klawżola numru sitta (6) tal-kuntratt viġenti, u dan sforz il-pika esaġerata tal-konvenut.*

*L-istess jingħad għar-rigward tar-rifjut tal-esponenti li jħalli lill-ibnu jsiefer mal-esponenti ġewwa l-Ingilterra sforz il-pika esaġerata tiegħu.*

9. *Illi l-esponenti tixtieq li l-aċċess tal-konvenut għall-minuri jiġi varjat billi l-imsemmi aċċess ma jibqax jiġi eżerċitat minnu fil-weekends, kif pprovdut fil-*

*kuntratt viġenti, u dan fl-aħjar interess tal-istess minuri. Hija tħoss li jkun ferm iktar ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-minuri li hu jiżviluppa r-relazzjoni tiegħu magħħha billi hi jkollha kuntatt ta' kwalita' miegħu b'mod kontinwu u regolari fil-weekends, u dan sabiex hi tkun tista' tgawdih iktar u tqatta' iktar hin ta' kwalita' miegħu. F'dan ir-rigward, l-esponenti tirrileva li binha stess wera x-xewqa tiegħu li jiżdiedlu l-kuntatt magħha fil-weekends.*

*F'dan ir-rigward, jiġi rrilevat ukoll li, in vista tal-kumpanija adulta li qed jiġi esposta għaliha l-minuri fil-weekends, kif ukoll il-fatt li jeżisti ċans ikbar li l-minuri jiffrekwenta kumpanija adulta ġewwa ambjenti mhux idoneji għalih fl-iljieli tal-weekend, l-esponenti hija tal-konvinzjoni ferma li jkun fl-aħjar interessi ta' binha minuri li l-aċċess tal-konvenut għall-ustess minuri jitnaqqas matul il-weekends, prevja d-direttivi meqjusin opportuni minn din l-Onorabbli Qorti għall-ġid tal-minuri waqt il-ħinijiet ta' aċċess akkordati fis-sentenza finali.*

*F'dan ir-rigward, l-esponenti tirrileva wkoll li temmen li jista' jkun ta' benefiċċju għall-minuri li l-konvenut jkollu kuntatt mal-minuri matul il-ġimgħa, b'dan illi għandu jiġi assigurat li l-minuri ma jiġix espost għal ambjenti jew għal sitwazzjonijiet li m'humiex idoneji għalih, senjatament għal kumpanija adulta li tista' tkun ta' detriment għall-iżvilupp tal-imġieba tiegħu, jew għall-iżvilupp tal-perċezzjoni tiegħu dwar il-ħajja adulta.*

*10. Illi, in vista tal-konsiderazzjonijiet suespost, senjatament il-fatt li huwa diffiċli ħafna li l-istess ġenituri jifthiemu bejniethom fl-aħjar interessi tal-istess minuri u tenut kont tal-imġieba u tal-espożizzjoni tal-minuri għal sitwazzjonijiet u kumpanija mhux idoneji għalih, qiegħed jiġi rrilevat li s-sistema viġenti ta' kura u kustodja konġunta, kif ukoll l-arranġament viġenti relattiv għall-aċċess tal-konvenut għall-minuri fil-weekends, m'humiex prattikabbli u m'humiex fl-aħjar interessi tal-minuri;*

*Għaldaqstant, dawn l-arranġamenti għandhom jiġu varjati sabiex jirriflettu stat ta' fatt serju u attwali;*

*11. Illi, l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-proċeduri odjerni sabiex titlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevedi l-ammont pagabbli mill-konvenut bħala manteniment għall-minuri ai termini tal-klawżola*

*'C(a)' tal-kuntratt viġenti, u dan fl-aħjar interessi tal-minuri, tenut kont tal-fatt li l-minuri jgħix primarjament magħha l-fatt li hi tipperċepixxi paga minima, kif ukoll tenut kont tal-introjtu u taċ-ċirkostanzi partikolari tal-konvenut.*

12. *Illi, minkejja d-diversi attentati tal-esponenti sabiex tasal f'kompromessi varji mal-konvenut fl-aħjar interessi ta' binhom matul l-aħħar snin, dan baqa' ma kienx possibbli, bil-konsegwenza li hi ġiet debitament awtorizzata sabiex tintavola l-proċeduri odjerni permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bin-numru 1292/16, datat tlieta u għoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (23.05.2016), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. SB 9', u dan wara l-għeluq tal-proċess ta' medjazzjoni bin-numru 1453/15.*

13. *Illi, għalhekk, l-esponenti ma tħalliet bl-ebda alternattiva oħra għajr li tintavola l-proċeduri odjerni fl-aħjar interessi ta' binha.*

*Għaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja l-ordnijiet neċessarji fl-aħjar interessi tal-minuri C D B a tenur tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u prevja l-ħatra tal-esperti ġudizzjarji opportuni, jogħġobha:*

1. *Tordna li l-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia datat 11 ta' Jannar, 2011, jiġi varjat, b'konsegwenza tad-dikjarazzjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri C D B għandha tiġi fdata esklussivament lill-esponenti.*

2. *Tordna li l-att pubbliku tan-Nutar Dottor Rachel Mallia 11 ta' Jannar, 2011, jiġi varjat billi l-aċċess tal-konvenut għall-minuri ma jibqax jiġi eżerċitat minnu fil-weekends, iżda jiġi varjat sabiex jirrifletti il-ħtiġijiet u l-aħjar interessi tal-minuri, u dan taħt il-modalitajiet opportuni f'dan ir-rigward.*

3. *Tordna li l-att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia 11 ta' Jannar, 2011, jiġi varjat għar-rigward tal-manteniment pagabbi mill-konvenut għall-ħtiġijiet tal-minuri, u dan skond l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-istess minuri.*

4. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-att*

*pubbliku surreferit ai termini ta' dak li jiġi ordnat minnha in virtu' tat-talbiet de quo, tiffissa jum ħin u lok għall-istess u tinnomina kurturi deputati sabiex jidhru fuq l-istess att fl-eventwa9i kontumaċja tal-konvenut.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li huwa, minn issa, nġunt għas-subizzjoni tiegħu.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieled il-minuri C D B nhar it-tlettax ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (13/11/2008) u li ghalhekk llum il-gurnata l-istess minuri jgħodd seba' (7) snin;*

2. *Illi l-kura u l-kustodja tal-imsemmi minuri hija rregolata permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia datat hdax ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (11/01/2012) u ghalhekk ir-relazzjoni tal-partijiet vis-à-vis it-tifel, b'mod partikolari access, ilha bl-istess modalita ghal atar minn erba' snin;*

3. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet ma hijiex perfetta u konsegwentament kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien hemm nuqqas ta' qbil vis-à-vis il-minuri. Il-kawza principali ta' dan in-nuqqas ta' qbil izda kien rizultat ta' indhil tal-partner attwali tar-rikorrenti, F G li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u inserta li qieghed stazzjonat ukoll fl-Ghassa tar-Rabat, liema Ghassa tiehu hsieb il-lokalita' ta' l-Imtarfa, l-lokalita' fejn iz-zewg partijiet jirrisjedu;*

4. *Illi kien propju minhabba l-indhil u l-agir abbuziv ta' Juliamn G li l-partijiet kellhom argumenti kemm fuq il-Pracett tat-tifel kif ukoll fuq meta –esponenti kien ser jaghlaq gheluq sninu fis-sea 2015 l-partner tar-rikorrenti beda jindahal dwar kif u meta l-istess esponent missier it-tifel kellu jezercita l-access ghal ibnu! Illi abbazi ta' dawn iz-zewg incidenti l-esponenti ghamel ilment mat-Taqsima ta' l-Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija (Do. A) fit-tletin ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (30/08/2015) u permezz ta' ittra datata sitta ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (06/02/2016) l-esponenti gie*

[2] Fol. 45.

*nfurmat li l-ilment tieghu kien gustifikat u li ttiehdu passi dixxiplinarji kontra l-istess Julia G (Dok. B);*

5. *Illi anke missier l-esponenti kellu jirrikorri ghal ghajnuna tal-Pulizija u jaghmel rapport kontra F G (Dok. C);*

6. *Illi l-esponenti jichad l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti li hu b'xi mod jittraskura jew jesponi lit-tifel ghal ambjent mhux idoneu u jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet li l-minuri sofra xi forma ta' abbuz fiziku waqt il-hin tal-access;*

7. *Illi kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur, l-esponenti huwa missier tajjeb u missier responsabbli;*

8. *Illi jekk il-minuri qieghed igib ruhu b'xi mod mhux xieraq ghal tifel ta' l-eta tieghu, dan tirrizulta mhux minhabba xi nuqqas ta' l-esponenti izda minhabba li r-rikorrenti ma pprovdietx ambjent idoneu ghat-trobbija tat-tfal partikolarment meta f'dawn l-ahhar erba' (4) snin kellha diversi partners li esponew it-tifel ghal diskors baxx u aghar minn hekk, wettqu vjolenza domestika fil-konfront tar-rikorrenti fil-presenza tal-minuri;*

9. *Illi b'referenza ghat-tieni talba rikorrenti rigward varjazzjoni ta' l-access, prelimarjament jigi rilevat illi l-access kif mifthiem fil-kuntratt pubbliku sar kif sar, sabiex tigi akkomodata l-istil tal-hajja tar-rikorrenti u huwa propju issa, wara erba' snin u wara li ghejjiet minn dik il-hajja li tixtieq tbiddel il-modalita' ta' access u dan l-access ilu hekk jigi ezercitat ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin u issa t-tifel ghandu stabbilita f'hajtu u ma hemm l-ebda raguni valida l'ghaliex din il-modalita ta' access ghandha tigi varjata;*

10. *Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti rigward varjazzjoni tal-manteniment dovut ghal minuri, l-esponenti fl-ewwel lok jirrileva illi skont il-kuntratt l-esponenti huwa obbligat li jhallas manteniment fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin (€225) fix-xahar u li da nil-manteniment ghandu jizdied b'hamsa fil-mija (5%) kull sentejn (2) u dan apparti nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni. (Vide klawsoli numru (C)(a) u (c). Prezentament, l-esponentu jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fi-cahar u dan wara li saru iz-zidiet mehtiega minn meta gie ppubblikat il-kuntratt. Illi l-*

*esponenti jahdem bhala gardinar u ghalhekk jissottometti li tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ammont li prezentement jithaas huwa wiehed gust u ekwu;*

11. *Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva wkoll li tenuti l-principju ta' pacta sunt servanda, r-rikorrenti ma tistax titlob varjazzjoni fl-ammont ta' manteniment ghall-minuri, meta tali manteniment kien gie mifthiem f'kuntratt pubbliku. Illi fis-sentenza Alfred Grech vs. Line Grech (App. Civili Nru. 2479/1996/1) deciza nhar is-sittax ta' April tas-sena elfejn u erbgha (16/04/2004), l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat:*

*"Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd firmament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw pozizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentary li jkunu gew mifthema bejn il-knjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta tal-attur li gabuh fl-impossibilita li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni"*

*Illi ma hemm ebda bidla li hi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta tar-rikorrenti li tista' taghti lok ghall-htiega ta' zieda fil-quantum tal-manteniment kif stipulat fil-kuntratt pubbliku.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob lil di l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet rikorrenti kollha u dan salv kull ordnijiet ohra necessarji fl-ahjar interess tal-minuri li din l-Onorabbli Qorti toghgobha timponi.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tat-23 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti fil-liġi;[3]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Anna Mallia,[4] u sussegwentament ġiet sostitwita b'Dr Abigail Critien,[5] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti eżebiti mill-istess xhieda;

Rat il-kuntratt datat 11 ta' Jannar 2012 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Mallia;[6]

Rat in-nota tal-attriċi tal-25 ta' Frar 2022 fejn ċediet l-ewwel u t-tielet talba;[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[8]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[10]

Ikkunsidrat;

## KONSIDERAZZJONIJIET:

## 1. L-Azzjoni Odjerna:

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien, minn liema relazzjoni twieled il-minuri C D B nhar it-13 ta' Novembru 2008. Il-partijiet għażlu li bonarjament jirregolaw permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Jannar 2012 dawk il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-imsemmi minuri, ċjoe' is-setgħa ta' ġenitur, il-kura, il-kustodja, l-aċċess u l-manteniment, liema kuntratt jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Mallia. Dan il-kuntratt jistipula:

[3] Fol. 38.
[4] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-24 ta' Novembru 2016, a fol. 130.
[5] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2017, a fol. 131.
[6] Fol. 8.
[7] Fol. 252.
[8] Fol. 218.
[9] Fol. 253.
[10] Fol. 217.

*"B. Kura u Kustodja*

*Il-kura, kustodja hija kongunta u r-residenza ordinarja tat-tifel, soġġett ghal dak li ser jinghad, hija flimkien ma' l-omm u b'dan li l-missier jkollu access li se jkun regular kif gej:*

*a) Ghas-sena kollha l-missier ghandu access ghat-tifel nhar ta' Gimgha mill-iskola fil-hinijiet u l-granet skolastici u fil-kaz li m'ghandux skola, nhar ta' Gimgha mis-2.00pm sat-Tnejn fit-8.30am, fejn jwaslu l-iskola, ida meta l-minuri ma jkollux skola jinghata lura lill-omm fis-7.00pm.*

*b) Il-missier ghandu jigbor it-tifel mid-dar ta' residenza jew mill-iskola salv dawk il-granet meta t-tifel ma jkunx skola f'liema kaz it-tifel jingabar mill-post indikat mill-omm fl-inhawi tar-Rabat jew l-Imgarr.*

*c) Lejliet l-Milied, il-gurnata tal-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-Sena, il-ġurnata ta' l-Ewwel tas-Sena u l-Ġimgha l-Kbira u Hadd l-Ghid, iz-zewg ginituri ghandhom jkollhom access xieraq u ghandhom jalternaw bejniethom biex minn din is-sena l-omm izzomm it-tifel ghal-Lejliet l-Milied u l-Gurnata tal-Milied sal-erba' ta' wara nofsinhar (4.00pm) filwaqt li l-missier jzomm it-tifel Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-gurnata ta' l-Ewwel tas-Sena sal-erba' ta' wara nofsinhar (sal-4.00pm). Tali access jinqaleb s-sena ta' wara u l-istess arrangjamenti japplikaw ghal Ġimgha l-Kbira u Hadd il-Ghid.*

*d) Fil-gurnata tal-birthday tat-tifel, l-genituri ghandhom jalternaw minn sena ghal ohra, b'dan li fil-bierthday li jmiss it-tifel ghandu jkun mal-omm.*

*Meta imiss li t-tifel ikun mal-missier fil-birthday, dan ghandu jiehdu l-gurnata ta' qabel mis-2.00pm jew mill-iskola sal-ghada ta' wara l-birthday fit-8.30am u jitwassal l-iskola jew jekk il-gurnata ma tinsertax gurnata skolastika, ghandu jwasslu fir-residenza ta' l-omm fl-istess hin.*

*e) Il-partijiet jiddikjaraw li jekk xi weehed minnhom jkollu xi okkazjni specjali u jixtieq l-attendenza tat-tifel u tinzerta gurnata meta t-tifel ghandu jkun ghand l-genitur l-iehor, huwa ghandu jaghti pre-avviz ta' gimgha qabel tali okkazjoni specjali u l-kunsens tal-genitur l-iehor ma jistax jigi rifjutat irragonevolment b'dan li l-access li jigi hekk mitluf jigi kompensat ma l-ewwel opportunita' u basta li tali okkazjonijiet ma jkunux spissi u jkunu biss eccezzjoni.*

f) *Il-partijiet jaqblu ukoll illi fil-granet ta' l-access tat-tifel ghal missier, l-istess missier ghandu jizgura li l-homeworks u kwalsiasi xogholijiet relatati tat-tifel minuri ghandhom jigu kkompletati.*

g) *F'Jum l-Omm u fil-gurnata tal-birthday ta' l-omm, it-tifel ghandu jkun ma' l-omm u similment f'jum il-missier u fil-gurnata tal-birthday tal-missier, it-tifel ghandu jkun mal-missier.*

h) *F'vakanzi pubblici, it-tifel ghandu jkun ma genitor wiehed b'mod alternanti, darba ma' genitur wiehed u l-vakanza pubblika ta' wara ghandu ikun mal-genitur l-iehor. Meta imiss lill-missier izommu, dan ghandu jiehdu l-gurata ta' qabel minn wara l-iskola u jirritornah l-ghada tal-vagaza ta' l-iskola.*

i) *F'kaz li t-tifel ma jkunx jiflah b'certifikat tat-tabib u ma jistax johrog barra, l-omm ghandha tavza lill-missier mill-aktar fiss possibbli b'dan li l-missier jkollu dritt jikkomunika mat-tifel bit-telephone u meta jghaddilu ghandu jaghmel l-weekend mal-missier kif fuq inghad. Il-missier ghandu dritt jikkomunika mat-tifel kuljum f'kull hin. Inoltre, meta it-tifel jkun mal-missier, l-omm jkollha dritt tikkomunika mat-tifel.*

j) *Il-partijiet jaqblu li jekk xi wiehed minnhom ma jkunx jista jzomm lit-tifel mieghu ghal-raguni temporanja jew permanenti, matul dan l-perjodu l-genitur l-iehor jkun intitolat u obbligat izzomm lit-tifel mieghu in preferenza ta' terzi persuni.*

k) *Fl-okkazjoni ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Grizma tat-tifel, l-genituri jobbligaw ruhhom li jikkooperaw ma' xulxin bi spirtu li jimmerita tali okkazjonijiet, inkluz kwalsiasi attivita' li tista' ssir in konnessjoni mal-istess.*

l) *L-genituri jobbligaw ruhhom li jehdu lit-tifel ghal-attivitajet edukattivi u extra-kurrikulari jew religjuzi meta t-tifel jkun fil-kura rispettiva taghho.*

m) *L-ebda genitur m'ghandu jesponi lit-tifel ghal ezempju hazin u z-zewg genituri ghandhom jaccertaw wkoll li l-istatus taghhom ta' genitur ma tigi bl-ebda mod mitiffsa minkejja kull relazzjoni li l-genituri jistghu jkollhom ma' terzi persuni fil-futur biex b'hek dejjem jkun car li l-partijiet huma l-omm u l-missier tat-tifel.*

n) *It-tifel ghandu jattendi kull sena l-quddiesa fl-anniversarju tal-mewt tal-kugin tieghu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar.*

C. *Manteniment u aspetti finanzjarji*

a) *Il-missier huwa obbligat jhallas manteniment lill-omm fir-rigward tat-tifel fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Euro (€225) fix-xahar. Dan il-manteniment ghandu jizdied b'hamsa fil-mija (5%) kull sentejn (2) millum.*

b) *Il-manteniment tat-tifel jitħallas bi standing order direttament fil-kont tal-omm numru 40013935928 u jithallas kull l-ewwel tax-xahar bil-quddiem u l-missier qed jaghti l-kunsens tieghu biex isir tali standing order.*

c) *L-ispejjez edukattivi tat-tifel komprizi mizati, donazzjonijiet, kotba ta' l-iskola, transport ghall-iskola, privatijiet, ezamijiet u uniformijiet ghandhom jithallsu miz-zewg partijiet fi kwiti ugwali bejniethom. Dan huwa oltre l-manteniment fuq imsemmi kull xahar.*

d) *Jekk it-tifel jkollu bzonn kura dentali jew kura medika jew nuccalijiet, din l-ispiza tinqasam ugwalment bejn il-partijet, wara li l-omm tipprezenta r-ricetta tat-tabib u ircevuta fiskali. Dan huwa oltre l-manteniment fuq imsemmi ta' kull xahar.*

e) *Il-partijiet jaqbu u jifthiemu li kwalsiasi allowances reattivi ghall-imsemmija minuri ghandhom ikunu pagabbli esklussivament lill-omm.*

*Dan il-manteniment u spejjez jibqghu jithallsu sakmm it-tifel jaghlaq tmintax-il sena. Jigi rilevat li l-manteniment u obbligu ta' hlas ta' spejjez ohra jista jieqaf jew jigi rivedut l-isfel jekk ir-ragel tonqosu il-paga drastikament u dan ghal raguni ta' sahha jew ghal raguni li ma tkunx tort tieghu, b'dan illi tali waqfien jew revizjoni tista' ssir biss wara ordni ghalhekk mill-Qorti".*

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B nhar is-7 ta' Lulju 2016, tingħata retroxena ta' dak li seħħ permezz tal-kuntratt rigward il-kwistjoni rigwardanti l-minuri, ċjoe' l-kura u kustodja ta' C D B ġiet fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, fejn iżda l-minuri kellu jirrisjedi mal-attriċi u l-konvenut ikollu dritt ta' aċċess fi tmiem il-ġimgħa u kif ukoll l-obbligu li jħallas manteniment kull xahar lill-attriċi għall-minuri. Madanakollu fir-rikors ġuramentat jiġi allegat illi l-konvenut huwa pikuż, jesponi lit-tifel għal kumpanija tal-adulti, jieħdu f'postijiet inadegwati u jdum ma' jikkomunika mal-attriċi – għalhekk skont l-attriċi l-

imġieba tal-konvenut u l-ambjent li fih qed jimrah il-minuri qed issarraf fi ħsara diretta għall-iżvilupp tal-istess minuri. Għalhekk titlob li l-kuntratt in kwistjoni jiġi varjat fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment. Madanakollu b'nota datat 25 ta' Frar 2022, l-attriċi ċċedi t-talbiet fir-rigward tal-kura, kustodja u manteniment, iżda żżomm firmament it-talba rigward l-aċċess sabiex hija tkun tista' tgawdi lil binha fi tmiem il-ġimgħa ukoll.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jiċħad kategorikament il-verżjoni tal-attriċi, anzi jisħaq li huwa missier responsabbli u eżemplari. Għaldaqstant il-konvenut jissolleva l-eċċezzjoni li l-kuntratt viġenti bejniethom huwa regolat bil-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* u konsegwentament joġġezzjona li jkun hemm varjazzjoni stante li fiċ-ċirkostanzi ma hemm l-ebda bidla ta' natura gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-konvenut li tista' tagħti lok għlal-tibdil fil-kuntratt.

## 2. Il-Verżjonijiet tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:

Permezz tal-affidavit tagħha,[11] l-attriċi tiddikjara illi ltaqgħat mal-konvenut fis-sena 2006, fejn wara xi żmien joħorġu flimkien saret taf li kienet tqila. Fil-fatt binhom, C D B, twieled nhar t-13 ta' Novembru 2008. Ix-xewqa tal-attriċi kienet li flimkien mal-konvenut tibni familja. Madanakollu jingħad li ftit wara li twieled Andra D B, ir-relazzjoni tal-partijiet bdiet sejra lura sakemm din spiċċat biex intemmet minħabba numru ta' problemi li qatt ma ġew solvuti bejniethom.

Jiġi spjegat illi fis-sena 2009 il-partijiet kienu bdew sessjonijiet ta' *counselling* ma' Karen Bishop bħala *family therapist* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, bl-intiża li jirranġaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-attriċi tgħid li huma waqfu jattedu għal tali sessjonijiet f'Jannar tal-2011 wara li l-konvenut beda jallega li l-attriċi kienet qiegħda titraskura lil binhom. Madanakollu hija tirribatti li mil-investigazzjonijiet kondotti mill-*Initial Responses Service* tal-Aġenzija Appoġġ jirriżulta li l-allegazzjoni tal-konvenut kienet bla bażi u fiergħa għall-aħħar. L-inkwiet mal-konvenut kompla għaddej, hekk kif fil-fatt l-attriċi tikkontendi li għamlet diversi rapport mal-Pulizija.

In vista tad-disgwid ta' bejniethom, l-attriċi tgħid li ħafna mid-drabi l-partijiet ma kienux ikunu f'pożizzjoni li jiftiehmu f'ġieħ l-interessi ta' binhom, inkluż dawk dwar l-iskola li għandu jattendi, l-attendenza tiegħu fi Skola Sajf, l-attendenza

[11] Fol. 57.

tiegħu għal okkażjonijiet speċjali, kif ukoll dwar l-għaża tal-attivitajiet extra-kurrikulari. L-attriċi tispjega li l-pika u l-għira da parti l-konvenut kienet tant eċċessiva, li l-konvenut reġa' irrapporta mal-Aġenzija Appoġġ li l-attriċi qiegħda titraskura lil binhom – iżda liema investigazzjoni ukoll rriżultat fiergħa u bla bażi. L-attriċi tispjega li minkejja r-riżultat tal-investigazzjoni, l-Aġenzija Appoġġ xorta waħda baqgħat issegwi r-relazzjoni bejn il-partijiet u min-naħa tagħha l-attriċi bagħaqt ukoll tfittex id-direzzjoni tal-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ sabiex jiggwidawha fis-sitwazzjoni, dan kif ikkorraborat permezz tal-*case summary* tal-istess Aġenzija. Pero' fil-maġġoranza tad-drabi l-ħaddiema soċjali kienu jidderiġu lill-attriċi sabiex tiftaħ proċeduri l-Qorti. Għalhekk l-attriċi kienet tispiċċa tagħlaq il-każ mal-Aġenzija Appoġġ, iżda kienet tibża' tipproċedi legalment kontra l-konvenut minħabba l-kumplikazzjonijiet li jġibu magħhom dawn il-proċeduri u l-karattru tal-konvenut.

Konsgewentament nhar il-11 ta' Jannar 2012 kien ġie ppubblikat il-kuntratt in eżami, fejn l-attriċi tallega li kienet aċċettat il-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratt sforz element ta' biża' mill-konvenut, u kif ukoll in vista tal-fatt li dak iż-żmien kienet *single mother* bla impjieg u b'hekk ma kellhiex il-finanzi sabiex tiġġieled għall-aħjar interessi ta' binha. Wara l-iffirmar tal-kuntratt, l-attriċi tgħid li rrikorriet għall-għajnuna tal-Aġenzija Appoġġ għal numru ta drabi u dan għaliex tinsab partikolarment ħosbiena dwar il-kondotta u l-aġir ta' binha li żgur ma humiex il-frott l-eżempji ta' għemilha. L-attriċi tispjega li binha ilu għal żmien twil jiġi espost għal kumpanija adulta u f'postijiet frekwentati mill-adulti, bħal ħwienet tax-xorb u każini, u dan fil-ħinijet li l-konvenut ikun qiegħed jeżerċita l-aċċess tiegħu fi tmiem il-ġimgħa – liema aġir kien ta' ipatt negattiv fuq it-trobbija tal-minuri, u għalhekk ġiet mibdija l-kawża odjerna. Barra minn hekk, l-attriċi hija tal-fehma illi l-atteġjament tal-konvenut mat-tifel, bħal per eżempju, meta qaxxarlu xagħru u taqqablu misluta, kien tali fejn il-konvenut beda jinqeda bit-tifel sabiex jeżerċita pressjoni fuq l-attriċi.

Magħdud mal-premess, l-attriċi tgħid ukoll li fl-2013, il-konvenut fetaħ ħanut tax-xorb u l-minuri beda jqatta' ħafna minn ħinu fi tmiem il-ġimgħa ġewwa l-istess *bar* u mhux l-ewwel darba li l-minuri kien jispiċċa jorqod hemmhekk sakemm il-konvenut kien jispiċċa minn xogħolu. Hija tal-fehma li ma kienetx qiegħda titlob ħafna meta insistiet li t-tifel ma kellux ikun espost għal kumpanija adulta li tiffrekwenta ħwienet tax-xorb. Madanakollu l-konvenut ma kien jara xejn ħazin f'dan kollu, u dan minkejja li l-minuri ġieli rritorna lura d-dar b'xi ħarqiet tas-sigaretti jew tbenġil.

Jingħad li l-konvenut huwa dilettant tal-karozzi, muturi u l-baħar, fejn ta' spiss kien jieħu lill-minuri miegħu fuq id-dgħajsa ma' sħabu. Għalkemm l-attriċi tgħid li ma hemm xejn ħażin f'dan id-delizzju, hija ma kienetx taqbel mal-fatt li l-konvenut kien qiegħed iħalli lill-minuri jirkeb jew isuq dawn il-vetturi, fejn f'xi drabi jkun bla *seatbelt*. Il-konvenut huwa ukoll dilettant tal-karnival, u għalhekk il-minuri jqatta' ħafna ħin mal-konvenut jippreparaw għaż-żfin tat-tfal tal-karnival, kif ukoll mal-ħbieb tal-konvenut li jknu qed jarmaw l-karrijiet. Madanakollu, l-attriċi ma taqbilx li l-minuri jitħalla jitla' fuq il-karrijiet waqt iċ-ċelebrazzjoni li ssir mill-adulti, għaliex jeżisti periklu kbir għal tifel tal-eta' tiegħu. In vista li l-minuri jqatta' ħafna ħin fil-umpanija tal-adulti, l-attriċi hija tal-fehma li l-minuri rabba' ċertu aġir li ma huwiex normali għal tifel l-eta tiegħu, fosthom ċertu ġesti u diskors b'konnotazzjonijiet sesswali.

L-attriċi tispjega ukoll li l-attitudni tal-konvenut magha tinbidel skont jekk hi tkunx f'relazzjoni ma' *partner* jew le. L-attriċi tikkontendi li *"jien m'għadnix f'relazzjoni mal-partner li kelli meta ftaht din il-kawza u, ghalkemm, certu ghira u argumenti bejnietna naqsu, żgur ma jistgħax jingħad li l-problemi bejnietna ssolvew. Sfortunatament, kull darba li nipprova nifforma relazzjoni serja ma' partner, E ibiddel l-atteġġjament tiegħu lejja, bil-konsegwenza li jbatu d-deċiżjonijiet meħtieġa fit-trobbija ta' C. Dan, minbarra l-fatt li huwa ċar li E għandu ideat differenti ħafna minni għar-rigward tat-trobbija ta' binna"*.[12] Fid-dawl ta' dan, l-attriċi telenka diversi istanzi jew okkażjonijiet fejn il-minuri kellu jbati minħabba l-pika tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi:

a. Il-konvenut ma kienx ta l-kunsens tiegħu sabiex C ikun jista' jsiefer magħha u oħtu ġewwa l-Ingilterra u dan għaliex hi kienet irrifjutat li tagħti l-kunsens sabiex il-minuri jsiefer mal-konvenut u sħabu adulti għal btala relatata mal-karnival;
b. Il-konvenut ma kienx ta l-kunsens tiegħu sabiex torganizza ikla għall-preċett tal-minuri stess fi tmiem il-ġimgħa;
c. Il-konvenut kien irrifjuta li jikkonċedi lill-attriċi ftit sigħat fi tmiem il-ġimgħa sabiex il-minuri jkun jista' jiċċelebra għeluq snin oħtu;
d. Meta mietet in-nanna tal-konvenut, dan tal-aħħar ippersista li ried jieħu t-tifel minn lejliet il-funeral;
e. Il-konvenut qatt ma kien jibgħat lill-minuri għall-iskola sajf nhar ta' Tnejn, u kif ukoll huwa naqas milli jħallas sehemu mill-miżata tal-iskola sajf.

[12] Fol. 60.

Fi kwalunkwe każ, l-attriċi tgħid li *"bħala omm, jiena nħoss li qed nitlef ċertu ħin ta' kwalita' ma' ibni fit-trobbija tiegħu peress li, effettivament, qatt ma nqatta' ħin miegħu fil-weekends. Fil-fatt, jien u oħtu H, nħossu n-nuqqas tiegħu ħafna u naf li anke C jħossu bl-istess mod. (...) Jiena naħseb li, xi kultant, C jħossu maqtugħ u li jien qed inqatta' ħafna iktar ħin ta' kwalita' ma' binti H milli miegħu minħabba li hu ma jkunx magħna".*[13] Magħdud ma' dan, l-attriċi tikkontendi li fil-preżent hija taħdem fuq bażi *full-time*, u wara l-ħin tax-xogħol trid tieħu ħsieb tal-bżonnijiet tat-tfal, tnaddaf, issajjar u tgħinhom jagħmlu l-*homework*. Għalhekk il-ħin tagħha ma' uliedha huwa limitat ħafna, u ġialadarba ma għandhiex aċċess għal binha fi tmiem il-ġimgħa, il-ħin tagħhom bħala familja qed ibati. Hija tikkontendi li tixtieq tgħix lil binha matul il-*weekend* sabiex tgħalmu u tgħaddilu ċertu esperjenzi u tgħalim, filwaqt li tkabbar ir-relazzjoni tagħha miegħu. Barra minn hekk, tgħid li l-ġenituri tagħa jistgħu biss iqattgħu ħin ma' binha fi tmiem il-ġimgħa għaliex it-tnejn jaħdmu.

F'affidavit ulterjuri,[14] l-attriċi tikkontendi li *"ghalkemm l-affarijiet marru 'l quddiem u l-komunikazzjoni ta' bejnietna tjiebet ghax naqas id-dizgwid ta' bejnietna, dan sar biss ghax jien addattajt ghas-sitwazzjoni u tghallimt nkampa minghajr il-kontribut ta' E bħala missier. Pero' nixtieq nghd li xorta nsibha sitwazzjoni diffiċli biex nikkomunika ma' E".*[15] Fil-fehma tal-attriċi l-konvenut ma jifhimx l-importanza tal-kontribut tiegħu bħala missier, fejn per eżempju l-konvenut bagħat lill-minuri l-iskola mingħajr l-ħtiġijiet għall-edukazzjoni, jew ma jweġibx mal-ewwel għal xi firem jew informazzjoni li jitolbu l-iskola. L-attriċi tikkontendi li kull meta titolbu xi ħaġa u xi okkażjoni importanti, trid tiġri warajh u ddejqu biex jagħtiha risposta – għalkemm ikun hemm ukoll drbai li lanqas biss jagħtiha risposta. In-nuqqas ta' komunikazzjoni qed toħloq ħafna stress fuq l-attriċi u t-tifel. Fid-dawl ta' dan, l-attriċi telenka numru ta' episodji fejn minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni da parti l-konvenut, it-tifel jispiċċa jbati.

Magħdud mal-premess, l-attriċi tispjega li minħabba nuqqas ta' ftehim, it-tifel kien qed ikun imdejjaq u jiftaħ qalbu mal-għalliema, *guidance teacher* u l-*head* tal-iskola. Għalhekk hija tal-fehma li l-konvenut għandu bżonn jieħu xi *parenting skills course* sabiex jimpenja ruħu aħjar fejn si tratta t-tifel. L-attriċi tgħid ukoll li biex tara lil binha fil-*weekend* spiċċat tmur hi l-ħanut tax-xorb tal-konvenut, iżda tammetti li ma kienetx tħossha komda f'dak l-ambjent maskili. Barra minn hekk lanqas ma temmen li tali post huwa addattat għal binha. Kien hemm ukoll

[13] Fol. 61.
[14] Fol. 162.
[15] Fol. 162.

ċirkostanza fejn il-minuri ħaraq idejh ma' *exhaust pipe* ta' *tractor* tal-karnival. Għalhekk l-attriċi tħoss li għandha biża' raġjonevoli u li binha qed isegwi eżempju mhux addattat għall-eta' tiegħu. Jingħad li l-minuri jiġi minn għand missieru b'rabja kbira, fejn qiegħed jiġġieled kontinwament ma' ommu u oħtu, jattakkahom bil-kliem u kif ukoll jiffitta, jinki, jinbex u saħansitra ġieli kien vjolenti magħha.

Fil-fehma tal-attriċi, *"it-tifel ghandu bżonn jitghallem ikun aktar responsabbli peress li life skills ghadhom mhumiex sodi. It-tifel rari jiltaqa' mal-familja tieghi minhabba li fil-weekend dejjem mal-missier u fost il-gimgha jkollu l-iskola u jien nahdem fuq basi full time u wara xoghol irrid naghmel l-facendi, nghin bil-homework u nwassal lit-tfal ghall-attivitajiet taghhom skont il-bzonn. Allura qed tkun difficli biex jien nkun nista' nsib hin nghallem u naghti ezempji ta' life skills u nipprezenta mgieba differenti minn dik ta' adulti fi hwienet tax-xorb lil ibni"*.[16] Għalhekk fil-fehma tagħha, il-preżenza tal-omm hija neċessarja sabiex il-minuri jiġi gwidat sabiex jitgħallem ikun responsabbli.

Sabex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi tressaq is-segwenti provi:

a. *Dokument maħruġ mill-Aġenzija Appoġġ nhar it-18 ta' Mejju 2012*, fejn ġie kkonfermat illi wara li saret investigazzjoni abbażi tar-rapport tal-konvenut illi l-attriċi qiegħda titraskura lil binha, tali allegazzjonijiet kienu infondati u b'hekk il-każ ingħalaq f'Diċembru 2011;[17]

b. *Rapporti mal-Pulizija:*

   i. *Rapport datat it-22 ta' Mejju 2016 magħmul mill-attriċi kotra l-konvenut*,[18] dwar nuqqas ta' ftehim dwar okkażjoni speċjali li l-attriċi xtaqet tattendi, u kif ukoll dwar in-nuqqas da parti l-konvenut li jitlob il-kunsens tal-attriċi sabiex il-minuri jmur attivita' extra-kurrikulari;

   ii. *Rapport datat 26 ta' Awwissu 2015 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut*,[19] fejn irrappurtat li ġiet sabiex tagħti t-tifel lill-konvenut f'għeluq snin il-konvenut stess u dan skont il-kuntratt viġenti bejniethom;

[16] Fol. 165.
[17] Fol. 64.
[18] Fol. 13, 65.
[19] Fol. 16, 67.

iii. *Rapport datat 30 ta' April 2013 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut*,[20] minħabba numru ta' messaġġi ta' theddid mill-konvenut;

iv. *Rapport datat 30 ta' April 2012 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut*,[21] fejn irrappurtat li l-konvenut ma kienx bagħat lil binhom minuri l-iskola;

v. *Rapport datat 3 ta' Ottubru 2011 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut*,[22] fejn irrapurtat li dakinhar kienet l-ewwel ġurnata ta' binha minuri l-iskola, u meta ħadet lil binha l-iskola tfaċċa l-ex sieħeb tagħha fejn qabad lit-tifel minn idejh u beda jgħajjat u jgħajjar lill-attriċi;

vi. *Rapport data 18 ta' Jannar 2011 magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut*,[23] fejn ġie rrappurtat li l-għada tal-Milied meta l-konvenut wassal lura lil ibnu għand l-attriċi, huwa bela' ammont ta' pilloli. Barra minn hekk irrappurtat ukoll illi kien jgħidilha li ken qed jirrekordja lin-nies meta jgħidu kontriha, li kien qed isegwiha, li niżżel ritratti tagħha minn fuq il-pjattaforma *Facebook* sabiex jurihom lil ibnu meta jikber, u li kien iċemplilha biex idejjaqha;

c. *Case Summary Report* redatt mill-Aġenzija Appoġġ u datat 15 ta' Ġunju 2016,[24] fejn ġie ddikjarat li l-attriċi kkuntattjat lill-Aġenzija Appoġġ diversi drabi u kellha kuntatt ma' tlett (3) ħaddiema soċjali mis-sezzjoni tal-*Intake and Family Support Service* minħabba allegazzjonijiet dwar l-aġir tal-missier li qiegħed jinfuwenza ħazin lill-minuri;

d. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook, fejn juru li l-minuri qiegħed jiġi espost għal kumpanija adulta u postijiet tax-xorb jew każini*;[25]

e. *Ritratti tal-minuri meta l-konvenut qaxxar xagħar it-tifel u taqqablu misluta*;[26]

f. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook, fejn juru li l-konvenut fetaħ ħanut tax-xorb u li l-minuri kien qed iqatta' ħafna ħin hemmhekk*;[27]

[20] Fol. 19, 70.
[21] Fol. 23, 74.
[22] Fol. 26, 77.
[23] Fol. 30, 81.
[24] Fol. 34, 85.
[25] Fol. 89 – 105.
[26] Fol. 106, 107.
[27] Fol. 108 – 110.

g. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook, fejn juri li l-konvenut kien iħalli lil minuri jirkeb jew isuq xi vetturi, kif ukoll fejn ma huwiex marbut b'xi seatbelt*;[28]

h. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook, fejn juru lill-minuri fuq il-karrijiet tal-karnival*;[29]

i. *CD b'numru ta' videos u ritratti tal-minuri fuq il-baħar, fil-karnival, f'vetturi bla seatbelt, u fil-bars mal-adulti*;[30]

j. *Ritratti tal-minuri ma' oħtu H u tfal oħra*;[31]

k. *Ritratti mehuda mill-pjattaforma soċjali Facebook, li juru l-minuri fil-preżenza tal-adulti, fosthom nisa, waqt li qiegħed ma' missieru*;[32]

l. *Ritratt tal-minuri b'idejh infaxxata*;[33]

m. *Ix-xhieda tal-intimat in subizzjoni*,[34] fejn jikkonferma li huwa jieħu lit-tifel għall-aċċess mill-Ġimgħa wara l-iskola sat-Tnejn filgħodu meta jwasslu l-iskola. Jispjega li meta jkun miegħu fi tmiem il-ġimgħa, huwa jvarjalu l-attivitajiet, u ġieli jieħdu bid-dgħajsa jew jieklu, imma jikkonferma li kull fejn imorru ikun hemm tfal daqsu tant li dan seta' jiġi kkonfermat mir-ritratti esebiti mill-attriċi stess. Magħdud ma' dan, il-konvenut jgħid li huwa jilqa' lill-attriċi, lil bintha u lil *partner* tagħha K fil-ħanut tiegħu. Għalhekk skontu qatt ma ellhom problema bl-aċċess jew li jifthemu bejniethom.

Fir-rigward ta' ftehim, kunsens u dewmien sabiex jagħti l-kunens tiegħu, il-konvenut jispjega illi ġieli jgħidilha biex ittih ftit ċans jekk tkun se ssiefer, imma jsostni li hemm ftehim bejniethom, anke biex jattendu laqgħat rigward l-edukazzjoni tal-minuri. Di fatti huwa jgħid li *"jien inkellimha lill-attrici u sa din il-gimgha stess issuggerejt li jibda l-privat tal-Maths. Ha tixtri l-affarijiet tal-iskola tat-tifel li jigu meta t-tifel ikun ghandha. Jien naghmel l-*

[28] Fol. 111 – 124.
[29] Fol. 125 – 127.
[30] Fol. 128.
[31] Fol. 149 – 152.
[32] Fol. 153 – 158.
[33] Fol. 166.
[34] Fol. 167.

*istess meta jkolli list li tasal il-gimgha u mbaghad niskambjaw l-ircevuti. Kollox xtrajtlu (...)"*;[35]

n. *Affidavit ta' I J*,[36] maħluf nhar l-10 ta' Diċembru 2019 u konsegwentament ippreżentat nhar il-11 ta' Diċembru 2019, fejn jispjega li waqt mawra ġewwa Kemmuna huwa kien fil-preżenza tat-tifel C D B fejn waqt li telgħin lura fuq il-vapur qabad diskursata miegħu fuq il-*football* u beda jinkih naqa dwar it-tim favorit tiegħu, fejn il-minuri rrispondih bi kliem oxxen. Ix-xhud jgħid li huwa qal lill-minuri biex jiskuża ruħu miegħu, iżda dan ma tax kasu. Fehmu li tifel ta' għaxar (10) snin ma għandux jitkellem hekk. Huwa jikkonkludi illi *"bhala missier, inhoss li C ghandu bzonn dixxiplina u ghajnuna. Nistqar li meta C jkun m'ommu A, din tiehu hsiebu kif suppost u tikkoregih izda C ghandu atteggjament ta' wiehed kbir u mhux atteggjament xieraq ghal tifel tal-eta' tieghu"*;

o. Dokument maħruġ miċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat datat 9 ta' Diċembru 2019,[37] fejn juru ftit mill-viżi li għamlet l-attriċi bil-minuri wara l-inċident fuq it-*tractor* tal-karnival fejn biex ma tafġux ir-rota, il-minuri qabad mas-*silencer* li jinsab fuq quddiem tat-*tractor*;

## 3. Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:

Fl-affidavit tiegħu,[38] l-intimat jispjega illi hu u l-attriċi kienu f'relazzjoni bejn l-2006 u l-2011, minn liema relazzjoni nhar it-13 ta' Novembru 2008 twieled C D B. Pero' jikkonferma li maż-żmien, ir-relazzjoni ta' benjniethom bdiet tmur għall-agħar, sakemm ftehmu u nhar il-11 ta' Jannar 2012 iffirmaw kuntratt dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tat-tifel, quddiem in-Nutar Dr Rachel Mallia. Il-konvenut jispjega li in vista li l-partijiet ftehmu li huma jkolhom kura u kustodja konġunta bejniethom, it-tifel għandu jirrisjedi mal-attriċi filwaqt li l-konvenut iħallas manteniment, li fil-preżent huwa dak ta' €270 fix-xahar. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-aċċess, il-konvenut jgħid li l-attriċi kienet qablet mal-fatt li l-minuri jqatta tmiem il-ġimgħa mal-konvenut u fi żmien tal-kuntratt ma kienetx ilmentat dwar tali ftehim, anzi pjuttost tatl-impressjoni li hekk riedet li jsir sabiex tgawdi iktar tmiem il-ġimgħa. Fil-fatt il-konvenut jgħid li l-aċċess kif mifthiem beda saħansitra qabel ma kienu ffirmaw il-kuntratt. It-tifel illum għandu ħdax-il (11) sena u ilu b'din is-sistema' sa minn meta kellu tlett (3) snin.

[35] Fol. 168.
[36] Fol. 178.
[37] Fol. 177.
[38] Fol. 182.

Il-konvenut jikkonferma li t-tifel qatt ma ilmenta dwar din is-sistema', u anke' meta kien iżgħar u l-attriċi kienet talbet lill-Qorti sabiex l-aċċess jinbidel, il-Qorti ma laqgħatx it-talba tal-attriċi. Jingħad ukoll li *"Minkejja li r-relazzjoni tieghi ma' A kienet spiċċat u fil-bidu ma tantx konna naqblu, illum il-gurnata nikkomunikaw ta' spiss fuq it-tifel u ma nhossx li ghandna problemi bejnietna. Fil-fatt, ir-relazzjoni taghna tant tjiebet li sahansitra A, bintha H (minn relazzjoni ohra) u l-partner ta' A, K, ikunu mieghi u mat-tifel f'hargiet u f'okkazjonijiet ohra"*. Ta' dan jagħti numru ta' eżempji, fosthom: (i) ħarġa tal-iskola fejn it-tifel u l-attriċi pprattikaw il-qaws, (ii) fil-karnival, u (iii) fuq id-dgħajsa tal-konvenut. Barra minn hekk, il-konvenut jisħaq li għalkemm l-attriċi tittenta tagħti l-impressjoni li meta l-minuri jkun mal-konvenut, huwa jagħmilha biss mal-adulti, fil-verita' huwa jgħid li jieħdu f'postijiet u għal attivitajiet attrezzati għat-tfal, bħal *football, obstacle course, hike,* attivitajiet tal-karnival fejn ikun hemm tfal oħra.

Fir-rigward ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, il-konvenut jgħid li għalkemm l-attriċi tilmenta li l-konvenut idum ma jikkomunika magħha fuq it-tifel, il-konvenut jgħid li dan ma huwiex minnu għaliex il-kuntatt bejniethom huwa regolari ħafna u ma jkollhomx disgwid kif implikat mill-attriċi. Fil-fatt jinnega ukoll li kien hemm problemi biex hi siefret bit-tifel jew meta weġġa' it-tifel waqt il-karnival tas-sajf. Jiċċara li meta ġara l-inċident tat-tifel, il-minuri ma kienx fil-periklu daqkemm qalet l-attriċi u jsibha ferm stramba li l-attriċi tilmenta li l-minuri kien fuq il-karru meta hi u bintha stess kemm-il darba kienu jkunu fuq xi karru li kien ħadem fuqu l-konvenut.

Fi kwalunkwe każ, il-konvenut jgħid li jiddispjaċih ferm illi meta l-attriċi siefret l-Ingilterra ħalliet lit-tifel mal-*partner* tagħha u ma qalet xejn dwar tali safra lil-konvenut. Jirribadixxi illi huwa ma għandu l-ebda problema bil-*partner* tagħha, anzi jafdah, imma jemmen li l-attriċi kellha tħalli l-minuri miegħu jew *se mai* tinfurmah li hi ma kienetx ser tkun fil-pajjiż sabiex jekk jinqala' xi ħaġa ma kienx ikun hemm sorpriżi. Il-konvenut ikompli jgħid li kemm hu, kif ukoll l-attriċi u l-*partner* tagħha se jsiefru mat-tifel u t-tim tal-*football* tiegħu sabiex jissppportjawh.

Il-konvenut jgħid li għalkemm fil-passat kien imexxi *bar* tal-kalbb tal-*football* tal-Imtarfa, illum il-ġurnata ma għadux iżda jaħdem bħala *assistant fitter*. Madanakollu l-konvenut jgħid li sa sena qabel, huwa kien ukoll qed imexxi l-*bar* tal-klabb tal-ħamiem tal-Ħamrun, imma l-attriċi qatt ma lmentat li tali post ma huwiex addattat għat-tifel. Fi kwalunkwe każ, fil-preżent il-konvenut jgħid ma li ma għadux imexxi ħwienet. Pero' minn mindu l-attriċi ma baqgħatx mal-*partner*

li kellha, ċertu F G, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tjiebet ferm. Fil-fatt il-konvenut jikkonferma illi huwa qatt ma kellu problemi mal-*partner* kurrenti tal-attriċi, u li r-relazzjoni tagħhom ilkoll hi ħafna aħjar.

Fix-xhieda *viva voce* tiegħu,[39] il-konvenut jikkonferma li r-relazzjoni ta' bejniethom hija waħda tajba hekk kif kien hemm ħafna okkażjonijiet li ghamlu l-affarijiet flimkien, bħal:

i. Fit-22 ta' Frar 2020 il-partijiet, il-*partner* tal-attriċi u t-tifel siefru għaliex il-minuri kellu *tournament* ġewwa Sqallija. Matul din il-mawra, l-konvenut kellu kamra mal-minuri, filwaqt li l-attriċi kellha kamra mal-*partner* tagħha;

ii. Fil-*birthday* tal-attriċi, il-konvenut ġie mistieden mill-*partner* tagħha sabiex imur għal *surprise birthday party* tagħha, u fil-fatt il-konvenut jikkonferma li huwa mar flimkien mat-tifel sabiex jagħtu sorpriża lill-ommu;

iii. Fil-*birthday* tal-konvenut, missieru għamillu *surprise birthday party* u l-attriċi u l-*partner* tagħha kienu mistiedna;

iv. Fil-ġriżma tal-isqof tal-minuri, il-partijiet għamlu kollox flimkien, bħal marru jixtru s-*suit* tal-konvenut biex iqabblu l-kuluri mal-libsa tagħha, sar il-*party* l-Armier fejn il-konvenut għandu caravan;

v. Fil-*birthday* tal-minuri kellu jsir *party* imma tħassar kollox minħabba ċirkostanzi irrlevanti għal każ odjern;

vi. Fil-*birthday* tal-*partner* tal-attriċi, din tal-aħħar stidnitu jmur s'għandhom;

Il-konvenut jgħid li hemm relazzjoni tajba bejniethom, tant li fl-għeqqel tal-pandemija, l-attriċi offriet lill-konvenut jgħix fid-dar magħhom fil-kamra tat-tifel. Barra minn hekk, il-konvenut jisħaq illi rigward aċċess huma qegħdin fil-preżent jirringaw bejniethom, tant li talbitu biex tmur *weekend break* u ma kellu l-ebda oġġezzjoni. Il-konvenut jikkonferma li ma hemmx problemi dwar aċċess u manteniment, u barra minn hekk huma jikkomunikaw kuljum fuq it-tifel.

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut iressaq is-segwenti provi:

[39] Fol. 202, 209, 215.

a. *Dokument datat 30 ta Awwissu 2015 b'dikjarazzjoni tal-konvenut bħala ilment mat-Taqsima tal-Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija fil-konfront ta' F G*, stante li minħabba dan tal-aħħar il-partijiet bdew ikollhom il-problemi dwar l-aċċess tal-minuri;[40]

b. *Ittra datata 6 ta' Frar 2016 li tiġġustifika l-ilment tal-konvenut u konferma li ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront ta' F G*;[41]

c. *Dokument bl-ilment u ittra ta' missier il-konvenut, ossija John D, mat-Taqsima tal-Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija*, datata 22 ta' Marzu 2016;[42]

d. *Set ta' 9 ritratti li juru l-attivitajiet li kienu flimkien l-attriċi, il-konvenut u l-minuri*, fosthom fil-karnival, attivitajiet extra-kurrikulari u fuq id-dgħajsa;[43]

e. *Set ta' 15-il ritratt li juru lill-minuri jieħu sehem f'attivitajiet li ma jinkludux l-adulti, fosthom football, obstacle course, hike u attivitajiet tal-karnival*;[44]

f. *Set ta' 7 ritratti li juru li l-konvenut dejjem libbes lill-minuri skont l-okkażjoni u jieħdu pjaċir flimkien*;[45]

g. *Set ta' ritratti li juru l-korrispondenza bejn l-partijiet fuq il-pjattaforma soċjali Whatsapp bejn il-21 ta' Lulju 2019 u s-26 ta' Settembru 2019*, fejn il-partijiet bagħtu l-awguri lil xulxin f'għeluq sninhom, kienu prudenti, konversazzjoni fuq it-tifel bla problemi, u ftehim bejniethom dwar safar, *checkups*, u affarijiet tal-iskola;[46]

h. *Dikjarazzjoni minn Fr Denis Schembri bħala l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imtarfa datata 19 ta' Awwissu 2016*, fejn ġie dikjarat li *"In-nanniet igiebu lil C l-Quddies u t-tifel iservi l-altar bħala abbati. C jattendi wkoll it-tagħlim tal-katekiżmu fil-Parroċċa tagħna. Inzid nghid ukoll li dejjem rajt lil C mizmum tajjeb, liebes nadif u kif imiss u moghti edukazzjoni tajba"*;[47]

---

[40] Fol. 49.
[41] Fol. 51.
[42] Fol. 52, 53.
[43] Fol. 185.
[44] Fol. 186.
[45] Fol. 187.
[46] Fol. 188.
[47] Fol. 189.

i. <u>*Dikjarazzjoni minn Daniel John Attard bħala s-Sindku tal-Imtarfa datata 19 ta' Awwissu 2016*</u>, fejn ikkonferma li *"bhala membru tal-komunita' taghna, lil E nafu bhala persuna ezemplari u ta' rieda tajba. Bniedem altruista li dejjem pront joffri l-id tas-sostenn lil kull min jehtieg l-ghajnuna. Jispikka fik ukoll is-sens civiku li dejjem wera kwalunkwe darba li l-Kunsill kellu bzonn l-assistenza. Dawn il-karatteristici huma riflessi f'E Sad, il-missier. Nafu dejjem jghozz lil ibnu, kemm meta jkun mieghu, kif ukoll meta jkun 'il boghod, hekk kif ma tghaddix diskursata minghajr ma jsemmi lil C D B. Fuq kollox, perswaz li E dejjem qeda dmirijietu bl-aqwa hiliet tieghu, sahansitra ċċahhad fejn mehtieg biex dejjem kien bonus paterfamilias"*;[48]

j. <u>*Petizzjoni mibdija minn L M bħala persuna viċin E D*</u>, fejn 94 persuna lkoll jikkonfermaw li E D huwa missier eżemplari;[49]

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt.

Fir-rigward tad-duttrina legali *pacta sunt servanda*, u l-fatt li t-talba in diżamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-*punto di partenza* għandu jkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika proprju l-prinċipju legali surreferit tal-*pacta sunt servanda*. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

[48] Fol. 190.
[49] Fol. 193.

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[50] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistax jiġi riżolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teżiġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[51] F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi:

*"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359****). F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (****Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998****) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda****".*

Madanakollu, meta *si tratta* kuntratti li jirregolaw kwistjonijiet relatati mal-minuri, irrelevanti jekk tali kuntratti jirregolawx biss il-kwistjonijiet tal-minuri, jew inkella s-separazzjoni personali tal-partijiet u l-effetti konsegwenzjali inkluż il-kwistjonijiet tal-minuri, il-Qorti tgħallem illi *"Fl-obbligazzjonijiet purament*

[50] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.
[51] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino**, u **Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

*personali bhal ma hija l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ma hemmx dubbju illi, anke fl-interess suprem tal-minuri, il-Qorti tista' fi kwalunkwe hin tbiddel anke dak pattwit mill-partijiet fejn ic-cirkostanzi hekk jirrikjedu".*[52] Magħdud ma' dan, f'sentenza iktar riċenti ġie mgħallem illi *"dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda li jolqtu ulied il-mizzewġin, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni. Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa o meno, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego".*[53]

Fir-rigward ta' aċċess, jiġi ribadit illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[54]

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tirribadixxi illi għalkemm il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx

[52] **Walter Borg St John vs. Christine Borg St John**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2002.
[53] **Joseph Caruana vs Claudette Camilleri**, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), nhar il-21 ta' Mejju 2021.
[54] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Dan kif ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**.[55]

<u>Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra,</u> u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiża minn din il-Qorti izda diversamnt preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib ilkawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti L A Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, blghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial*

[55] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet **RM vs NM** (Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara **A sive BC vs D sive EC** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll **A Micallef vs Lesya Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

Fil-każ odjern l-Qorti għandha quddiemha kuntratt li jirregola s-setgħa tal-ġenitur, kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri C D Bezina vinkolanti bejn il-partijiet kontendenti, iżda ma hemmx il-kunsens taż-żewġ partijiet sabiex issir il-varjazzjoni fir-rigward tal-aċċess hekk kif mitlub mill-attriċi. Għal kull *buon fini*, il-Qorti tara idoneju li tissottolineja illi permezz tal-kawża odjerna, l-

attriċi bl-ebda mod ma qiegħda tattakka l-validita' tal-kuntratt in kwistjoni, tant li l-attriċi mkien ma tipprova illi l-kunsens tagħha kien vizzjat, u lanqas ma talbet ir-rexxissjoni tal-ftehim innifsu. Għaldaqstant ġialadarba l-validita' tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ma hiex attakkata jeħtieg li t-talbiet prinċipali tal-attriċi jiġu evalwati fid-dawl tat-termini stretti tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi l-*punto di partenza* huwa proprju l-fatt li l-każ in kwistjoni jirrivolvi ma' ftehim tal-partijiet maqbul u ffirmat nhar il-11 ta' Jannar 2012 u b'applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda*, tali ftehim jista' jiġi mħassar biss bil-kunsens tal-partijiet infushom jew inkella għal raġunijiet magħrufa mil-liġi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tevalwa illi fil-kuntratt oriġinali, fir-rigward tal-aċċess ma hemm l-ebda klawsola li tistipula li l-aċċess jista' jiġi varjat f'ċertu ċirkostanzi jew li fin-nuqqas ta' qbil il-partijiet jistgħu jirreferu tali kwistjoni lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għal-ġudizzju tagħha. Fin-nuqqas ta' tali klawsola u b'applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tara li xorta waħda għandha s-setgħa li teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha u jekk ikun il-każ, dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, tvarja l-kuntratt viġenti bejn il-partijiet.

Kif ġie ribadit iktar 'il fuq, huwa obbligu ta' kull ġenitur li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' uliedu. Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li fi żmien meta nbdiet l-azzjoni odjerna lura fl-2016, ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx waħda tajba u dan kif ġie kkonfermat miż-żewġ partijiet. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi mresqa għal tali perjodu, u ċjoe' r-rapporti mal-Pulizija, *case summary report* mill-Aġenzija Appoġġ, dikjarazzjonijiet u ittri rigward l-ex sieħeb tal-attriċi F G mit-Taqsima tal-Affarijiet Interni tal-Korp tal-Pulizija, u d-dikjarazzjonijiet tal-Kappillan tal-Parroċċa u s-Sindku tal-Imtarfa. Minn tali provi jidher illi l-partijiet ma kienux qegħdin jaslu bejniethom, u l-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-kawża ta' dan id-disgwid bejn il-partijiet kien proprju l-ex sieħeb tal-attriċi, F G. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ dan il-konvinċiment tagħha anke in vista tal-fatt illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet marret għall-aħjar proprju wara li l-attriċi temmet ir-relazzjoni li kellha mal-imsemmi F G.[56]

Il-Qorti tara li mill-mument li nbdiet il-kawża odjerna fl-2016 għal preżent kien hemm tibdil sostanzjali. Fil-fatt hija l-attriċi stess li dan tikkonfermah, tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija tirrileva illi: *"Fil-mort tal-proceduri, s-*

[56] Fol. 227.

*sitwazzjoni bejn il-partijiet ittrangat hafna ghal diversi ragunijiet, fosthom li l-attrici m'ghadhiex mall-ex partner taghha F G u l-konvenut jingwalha tajjeb mal-partner tal-attrici K tant li gieli johorgu flimkien bhala koppji. Is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attrici tjiebet, l-attrici kompliet volontarjament u minn jeddha tistrieh fuq assistenza ta' social workers u dan peress li kienet saret omm zghira fl-eta' hija xtaqet tahdem fuqha innifisha u titghallem aktar dwar it-trobbija tat-tfal u dwarha nnifisha fl-ahjar interess taz-zewg (2) uliedha. Is-sitwazzjoni tjiebet ukoll habba l-konsegwenzi tal-proceduri odjerni bejn il-partijiet u anke stante li l-partijiet bdew jahdmu aktar flimkien sabiex jahdmu fl-ahjar interess tal-minuri C. Jinghad ukoll li llum il-gurnata l-partijiet kisbu aktar esperjenza bhala genituri u din il-maturita' murija bejn il-partijiet minnha nnifisha ghinet sabiex is-sitwazzjoni ta' bejniethom tikkalma, anke stante li l-minuri beda jikber u jifhem aktar".*[57]

Madanakollu, hija tkompli tgħid illi hija għad għandha dubji, biżgħat, inċertezzi u disgwid fuq l-interpretazzjoni tal-kuntratt. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara li għandha *in primis* tara x'wassal lill-attriċi sabiex dak iż-żmien tal-kuntratt hija aċċettat li l-aċċess tal-minuri jseħħ fi tmiem il-ġimgħa. F'dan ir-rigward il-Qorti tara li fl-affidavit tagħha, l-attriċi tikkontendi li hija kienet aċċettat il-kundizzjonijiet kif stipulat fil-kuntratt sforz il-biża' mill-konvenut u kif ukoll in vista tal-fatt li dak iż-żmien ma kellhiex finanzi sabiex tiġġieled għad-drittijiet ta' binha. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jikkontendi illi dak iż-żmien l-attriċi kienet għadha żgħira fl-eta' u riedet tali kundizzjonijiet sabiex tkun tista' tgawdi ħajjitha almenu fi tmiem il-ġimgħa. Wara li l-Qorti rat illi l-verżjoni tal-attriċi ma ġietx ikorrabborata, għaliex fl-ebda waqt ma' l-attriċi attakkat il-kuntratt *per se* u wisq anqas ma resqet prova li dak iż-żmien kienet maħkuma mill-biża' da parti l-konvenut jew li ma kellhiex finanzi jew impjieg, il-Qorti hija moralment konvinta li l-verżjoni tal-konvenut hija iktar plawsibbli stante li f'Jannar tal-2011 l-attriċi kien għad kellha ħamsa u għoxrin (25) sena. Il-Qorti bil-wisq temmen illi fiż-żmien tal-kuntratt l-attriċi ma ħasbitx fit-tul u b'hekk teżisti l-possibilita' li ftit taż-żmien wara l-attriċi beda jiddispjaċiha bid-deċiżjoni li ħadet. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tikkontendi illi hija *"tirrikonoxxi li kienet ghadha zghira meta saret omm iz-zewg minuri u t-trobbija tat-tfal kienet ghadha gdida ghaliha u apprezzat l-avvanz li sar fil-kwalita' ta' hajjitha u hajjet uliedha".*[58] Għalhekk jirriżulta ċar li ż-żewġ partijiet aċċettaw il-kundizzjonijiet

[57] *Ibid.*
[58] Fol. 230.

kif stipulati fil-kuntratt b'mod volontarju u b'pjena konoxxena tal-konsegwenzi tagħhom.

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi ma huwiex sew f'dan l-istadju illi sabiex tottjeni dak li tixtieq l-attriċi tittenta tiskredita dak kollu li l-konvenut għamel matul is-snin bħala missier, u dan anke billi tqabbel il-ħiliet tagħha ma' dawk tal-konvenut bħala ġenitur. Fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut naqas milli jifhem dak li huwa fl-aħjar interess ta' ibnu fis-segwenti ċirkostanzi:

i. *Li jieħu lill-minuri f'ambjent mhux adegwat, senjatament każini jew bars, fejn il-minuri huwa espost għal ċertu imġieba adulta* – F'dan ir-rigward il-Qorti tara li l-konvenut stess jikkonferma li huwa kien imexxi żewġ *bars*, iżda ikkonferma ukoll li dan ma għadux il-każ. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ma kontradixxietx tali allegazzjoni u għalhekk ma jidhirx li tali kwistjoni għad għandha relevanza stante li l-konvenut għandu impjieg ieħor li ma huwiex tali li jesponi lill-minuri għal ċertu imġieba adulta;

ii. *Il-minuri espost għal imġieba u lingwaġġ sesswalizzat, nuqqas ta' stabbilita' tal-minuri u kif ukoll is-sigurta' tal-minuri mhux tiġi enforzata* – F'dan ir-rigward il-Qorti rat il-provi mressqa, u ma għandha l-ebda dubju illi jekk il-minuri jittiehed f'ċertu postijiet, huwa naturali li ser jixrob dak li jisma' u jara. Madanakollu fl-istess waqt il-Qorti tara li l-attriċi ma tinnegax li hi stess fi tmiem il-ġimgħa kienet tmur fl-istess fil-*bars* li kien imexxi l-konvenut, jew inkella tmur ħdejh għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-karnival. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti huwa pjuttost ironiku li l-attriċi tipprova titfa' l-ħtija fuq il-konvenut waħdu meta fil-verita' hi stess tgħix u ssegwi l-istess *lifestyle*. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara ukoll illi anke kieku kellha tbiddel il-modalita' tal-aċċess minħabba tali raġunijiet, huwa stat ta' fatt li tali tibdil xorta waħda mhux se jservi ta' serħan il-moħħ illi tali imġieba mhux ser tibqa' ssir, għaliex fil-verita' l-problema elenkata mill-attriċi ma tirrivolvix madwar il-kwistjoni ta' meta għandu jsir l-aċċess imma xi jsir waqt l-aċċess;

iii. *Ma jikkomunikax mal-attriċi u nuqqas ta' kunsens* – F'dan ir-rigward il-Qorti tara li fil-preżent jidher li l-partijiet jikkomunikaw sew bejniethom, tant li jaqblu fuq kwistjojijiet relatati mat-tifel u jagħmlu ħafna affarijiet flimkien. Għalhekk ma jidhirx li din il-kwistjoni għadha preżenti fil-mument.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġunijiet elenkati ma humiex biżżejjed sabiex tbiddel il-modalita' tal-aċċess. Anzi, jirriżulta ċar u jispikka sew il-qbil bejn il-partijiet li huma qegħdin fil-fatt jaħdmu id f'id u jirranġaw bejniethom. Fil-fatt hija l-attriċi stess li tikkonferma dan. Pero' fl-istess waqt il-attriċi tirribadixxi illi l-affarjiet imxew 'il quddiem sempliċiment għaliex il-konvenut jmur tajjeb mas-sieħeb tagħha. Il-Qorti ssib infantili l-verżjoni tal-attriċi illi skontha *"jidher car li l-konvenut irid ikun involut fl-okkazjonijiet tal-attrici u jhoss il-htiega li l-partner taghha ghandu jkun gentili mieghu u jinvolvih kemm jista' jkun u l-attitudni tieghu versu l-attrici tiddependi mill-fatt jekk il-partner tal-attrici huwiex tal-gosti tal-istess konvenut"*.[59] Fil-fehma tal-Qorti tali verżjoni ma għandhiex mis-sewwa, għaliex huwa inkonfutabbli li l-problema fil-passat kienet dovuta għall-fatt li l-ex sieħeb tal-attriċi F G, kien jintrometti ruħu f'affarijiet li fil-verita' ma kellux jintrometti ruħu fihom, u mhux għax il-konvenut kien irid li s-sieħeb tal-attriċi jogħġob lilu jew jingwalaha miegħu. Il-konvenut jidher ċar illi jieħu ħsieb lill-minuri, jikkomunika mal-attriċi, jifthemu u jieħdu deċiżjonijiet flimkien fl-aħjar interessi tal-minuri. Huwa proprju għalhekk illi l-konvenut ma għandux xi jgħid mas-sieħeb preżenti tal-attriċi, għaliex flok itellef huwa jħalli f'idejn il-partijiet sabiex jiddeċiedu u jifthemu dwar il-minuri. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma tarax għaliex l-attriċi għandha tinkwieta u per konsegwenza temmen li għandu jsir varjazzjoni fil-kuntratt, għaliex hija ma għandhiex taħseb jekk il-konvenut u s-sieħeb tagħha jaqblux jew jingwalawhiex, iżda għandha sempliċiment tkun fiċ-ċert illi f'ġieħ l-interessi supremi ta' binha, is-sieħeb preżenti u kwalsiasi sieħeb ieħor li jista' jkollha fil-futur ma jintromettux rwieħhom jew ma jippruvawx jieħdu post il-konvenut fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati mal-minuri.

Fid-dawl tas-suespost, ir-raġuni tal-attriċi illi tibża' li l-konvenut jerġa' jinbidel ma hijiex raġuni biżżejjed sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-kuntratt, għaliex l-attriċi b'hekk qed tibbaża ruħu fuq sitwazzjoni ipotetika li ma għandhiex garanzija li ser isseħħ. Għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tvarja l-aċċess ġenerali tal-missier u b'hekk tikkonferma li dan għandu jibqa' jiġi eżerċitat kif inhu stipulat fil-kuntratt ta' 11 Jannar 2012 kif jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Mallia.

Fir-rigward tat-talbiet tal-attriċi kif dedotti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ċjoe' illi:

[59] Fol. 239.

i. *Jiġi kkjarifikat il-ħin tal-aċċess f'għeluq is-snin tal-konvenut* – Il-Qorti tara li ma hemmx lok illi dan jiġi varjat in vista tal-fatt illi huwa loġiku li jekk għeluq iż-żmien tal-konvenut, l-aċċess għandu jsir minn wara l-iskola sa filgħaxija sas-7.00pm, bħalma jiġri fi ġranet oħra. Naturalment f'każ li għeluq iż-żmien tal-konvenut jaħbat fi tmiem il-ġimgħa, dan jaqa' taħt l-aċċess normali;

ii. *Jiġi varjat l-aċċess fil-ġurnata ta' għeluq snin il-minuri, fejn jekk jista' jkun il-minuri jkun maż-żewġ ġenituri speċjalment fl-lucky birthday* – Il-Qorti tara li l-*lucky birthday* tal-minuri ġie ċċelebrat is-sena l-oħra u għalhekk ma hemmx lok li l-kuntratt jiġi varjat f'dan is-sens;

iii. *Jiġi inkluż li f'jum għeluq snin oħtu, il-minuri jkun mal-omm* – Il-Qorti tara li tali tista' taqa' f'okkażjoni speċjali u b'hekk il-kuntratt ma għandux jiġi varjat f'dan is-sens;

iv. *Jiġi inkluż li f'jum gheluq snin in-neputija tal-minuri, ċjoe' t-tifla ta' oħtu, il-minuri jkun mal-omm* - Il-Qorti tara li tali tista' taqa' f'okkażjoni speċjali u b'hekk il-kuntratt ma għandux jiġi varjat f'dan is-sens;

v. *Jiġi speċifikat dawk l-okkażjonijiet speċjali li għalihom issir referenza fil-kuntratt* – Il-Qorti tara li tali taba hija infantili għaliex huwa loġiku liema huma dawk l-istanzi li jiġu kwalifikati bħala okkażjonijiet speċjali.

Fir-rigward tal-varjazzjoni fil-kuntratt sabiex dan ikun jinkludi terminu ta' żmien li fih il-konvenut irid jagħti risposta lill-attriċi dwar il-kunsens tiegħu *o meno* dwar l-attendenza tal-attivitajiet extra-kurrikulari u edukattivi, u fin-nuqqas ta' risposta l-attriċi tkun moħħha mistrieħ li tkun awtorizzata tieħu deċiżjoni fl-aħjar interess tal-minuri, il-Qorti tara li tali talba kif dedotta fin-nota ta' sottomissjonijiet ma għandhiex tittiehed in konsderazzjoni għaliex ma tiċċentrax mat-talba tal-aċċess kif dedotta fir-rikors promotur.

Finalment, il-Qorti taqbel pjenament mal-konvenut u ma tarax għaliex din il-kawża baqgħat tiġi prolungata għal snin twal inutilment meta jidher ċar illi bejn il-partijiet ma hemmx disgwid. Fil-fatt mill-atti jirriżulta ukoll li minkejja li permezz ta' digriet datat 29 ta' Awwissu 2016 il-Qorti ħatret lil Carmen Sammut

bħala espert psikologu sabiex tagħmel *assessment* psikloġiku tal-minuri u dan fl-aħjar interess tal-minuri stess, dan baqa' ma sarx probabbilment għaliex lanqas biss tħalset in-notifika ta' dan id-digriet. Għalhekk, jidher ċar illi l-affarijiet kienu mexjin tajjeb u ma kienx hemm lok għal dan id-delungar żejjed. Il-kawża setgħat faċilment tiġi ċeduta, għaliex kif jistqarr tajjeb il-konvenut, apparti li dawn jqattgħu ħafna mill-ħin flimkien, il-provi mressqa minnu ma ġewx minimament kontradetti mill-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u konsegwentament tgħaddi sabiex tiċħad *in toto* t-talbiet kollha tal-attriċi.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportati kollha mill-attriċi.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur